



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 31 ta' Ottubru 2022
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2022/0345 (COD)

14223/22
ADD 1

ENV 1088
SAN 580
COMPET 848
CONSOM 274
AGRI 596
CODEC 1634

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	27 ta' Ottubru 2022
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2022) 541 final - Annexes 1 to 8
Suġġett:	ANNESSI tal-Proposta għal DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar it-trattament tal-ilma mormi urban (riformulazzjoni)

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument COM(2022) 541 final - Annexes 1 to 8.

Mehmuż: COM(2022) 541 final - Annexes 1 to 8



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 26.10.2022
COM(2022) 541 final

ANNEXES 1 to 8

ANNESSI

tal-

Proposta għal

**DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL
dwar it-trattament tal-ilma mormi urban (riformulazzjoni)**

{SEC(2022) 541 final} - {SWD(2022) 541 final} - {SWD(2022) 544 final}

ANNES 1

REKWIŻITI GĦALL-ILMA MORMI URBAN

A. *SISTEMI TA' ĠBIR¹*

Is-sistemi ta' ġbir għandhom jikkunsidraw il-kriterji tat-trattament tal-ilma mormi.

Id-disinn, il-kostruzzjoni u l-manutenzjoni tas-sistemi ta' ġbir għandhom isiru skont l-aħjar għarfien tekniku li ma jkunx jinvolti kostijiet speċifiċi eċċessivi, partikolarment dwar:

- il-volum u l-karatteristiċi tal-ilma mormi urban,
- prevenzjoni ta' tnixxijiet,
- limitazzjoni ta' tniġġis fl-ilmijiet minħabba tifwir ta' ilma tax-xita.

B. *SKARIKAR MINN IMPJANTI TA' TRATTAMENT TA' ILMA MORMI GĦALL-ILMIJET ~~HA~~ RIĊEVENTI²*

1. Impjanti tat-trattament tal-ilma mormi għandhom ikunu ppjanati u modifikati biex kampjun rappreżentattiv tal-ilma mormi li jkun dieħel u l-effluwent ittrattat ikun jista' jinkiseb qabel ma dan jintrema fl-ilmijiet riċeventi.

2. Skariki minn impjant tat-trattament tal-ilma mormi urban soġġetti għat-trattament skont l-Artikoli 6.4 u 7.5 ⇒ u 8 ⇐ għandhom jilhqqu l-kondizzjonijiet muriġa fit-Tabella 1.

3. Skariki minn impjanti ta' trattament ta' ilma mormi urban ☒ imsemmija fil-paragrafu 1 u 3 tal-Artikolu 7 u fl-Artikolu 8 f'konformità ma dawk l-Artikoli ☒ ~~għal ġo dawk iż-żoni sensittivi li huma soġġetti għal ewtrofikazzjoni, kif identifikati fl-Anness II. A (a),~~ għandhom, ☒ minbarra r-rekwiżiti msemmija fil-punt 2, ☒ jilhqqu wkoll il-kriterji muriġa fit-Tabella 2 ta' dan l-Anness.

4. L-iskariki mit-trattament tal-ilma mormi urban imsemmija fl-Artikolu 8(1) u inklużi fil-lista msemmija fl-Artikolu 8(2) għandhom, minbarra r-rekwiżiti msemmija fil-punti 2 u 3, jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti fit-Tabella 3.

¹ ~~Peress li fil-prattika mhux possibbli li jinbnew sistemi ta' ġbir u impjanti ta' trattament b'tali mod illi l-ilma tad-drenaġġ kollu jkun jista' jiġi ttrattat f'sitwazzjonijiet bħalma huma xita qawwiya mhux tas-soltu, l-Istati Membri għandhom jiddeċiedu fuq il-miżuri li bihom jillimitaw it tniġġis minn tifwir ta' xita qawwiya. Dawn il-miżuri jistgħu jkunu bbażati fuq ir-rati jew il-kapaċità tad-dilwizzjoni f'relazzjoni ma' ċirkulazzjoni ta' temp xott, jew jistgħu jspesifikaw ċertu numru aċċettabbli ta' tifwir kull sena.~~

² ~~Peress li fil-prattika mhux possibbli li jinbnew sistemi ta' ġbir u impjanti ta' trattament b'tali mod illi l-ilma tad-drenaġġ kollu jkun jista' jiġi ttrattat f'sitwazzjonijiet bħalma huma xita qawwiya mhux tas-soltu, l-Istati Membri għandhom jiddeċiedu fuq il-miżuri li bihom jillimitaw it tniġġis minn tifwir ta' xita qawwiya. Dawn il-miżuri jistgħu jkunu bbażati fuq ir-rati jew il-kapaċità tad-dilwizzjoni f'relazzjoni ma' ċirkulazzjoni ta' temp xott, jew jistgħu jspesifikaw ċertu numru aċċettabbli ta' tifwir kull sena.~~

5. L-awtorizzazzjonijiet għall-iskariki mill-impjanti tat-trattament tal-ilma mormi urban li jużaw il-bijomedia tal-plastik għandhom jinkludu obbligu li r-rilaxx mhux intenzjonat kollu tal-bijomedia fl-ambjent jiġi mmonitorjat u evitat b'mod permanenti.

↓ 91/271/KEE (adattat)
⇒ ġdid

64. Kriterji aktar stretti minn dawk ~~murija~~ ☒ stabbiliti ☒ fit-Tabella 4i 1, u/jew Tabella 2 ⇒ u 3 ☒ għandhom ikunu applikati fejn huwa ~~meħtieġ~~ ☒ neċessarju ☒ li jkun żgurat li l-ilmijiet riċeventi jissodisfaw ☒ ir-rekwiżiti stabbiliti fid-Direttivi 2000/60/KE, 2008/56/KE u 2008/105/KE u 2006/7/KE ☒ ~~kwalunkwe Direttiva rilevanti oħra.~~

75. Il-punti ta' skarikar tal-ilma mormi urban għandhom ikunu magħżula, kemm jista' jkun possibbli, biex jitnaqqsu l-effetti fuq l-ilmijiet riċeventi.

C. ☒ **AWTORIZZAZZJONIJIET SPEĊIFIĊI GĦALL-ISKARIKAR TAL-ILMA MORMI MHUX DOMESTIKU** ☒ ~~ILMA MORMI INDUSTRIJALI~~

~~L-ilma mormi industrijali li jidħol f'sistemi ta' ġbir u f'impjanti ta' trattament tal-ilma mormi urban għandu jkun soġġett għal trattament minn qabel kif ikun meħtieġ biex:~~

~~jipproteġi s-saħħa tal-impjegati li jaħdmu f'sistemi ta' ġbir u f'impjanti ta' trattament;~~

~~jiżgura li sistemi ta' ġbir, impjanti ta' trattament ta' ilma mormi u tagħmir assoċjati ma jiġirihom l-ebda difett;~~

~~jiżgura li l-operazzjoni tal-impjanti ta' trattament ta' ilma mormi u tat trattament ta' ħama ma jkunux ostakolati;~~

~~jiżgura li r-rimi minn impjanti ta' trattament ma jkunx jaffettwa lill-ambjent b'mod negattiv, jew jipprevjeni l-ilma li qed jilqa' fih dan ir-rimi milli jikkonforma ma' Direttivi oħra tal-Komunità;~~

~~jiżgura li jkun jista' jsir disponiment tal-ħama mingħajr l-ebda periklu u b'mod li jkun ambjentalment aċċettabbli.~~

↓ ġdid

1. L-awtorizzazzjoni speċifika msemmija fl-Artikolu 14 għandha tiżgura dan li ġej:

- (a) li s-sustanzi niġġiesa li jinsabu fl-ilma mormi mhux domestiku ma jfixklux it-tħaddim tal-impjant tat-trattament tal-ilma mormi, ma jagħmlux ħsara lis-sistemi tal-ġbir, lill-impjanti tat-trattament tal-ilma mormi u lit-tagħmir assoċjati u ma jipprevjenux l-użu mill-ġdid tal-ilma ttrattat u l-irkupru tal-ħama;
- (b) li s-sustanzi niġġiesa li jinsabu fl-ilma mormi mhux domestiku ma jagħmlux ħsara lis-saħħa tal-persunal li jaħdem fis-sistemi tal-ġbir u fl-impjanti tat-trattament tal-ilma mormi urban;
- (c) li s-sustanzi niġġiesa li jinsabu fl-ilma mormi mhux domestiku jkunu jistgħu jitnaqqsu mill-impjant tat-trattament tal-ilma mormi urban;
- (d) li meta impjant tat-trattament tal-ilma mormi urban jittratta l-iskariki minn installazzjoni li jkollha l-permess imsemmi fl-Artikolu 4 tad-Direttiva 2010/75/UE, it-tagħbija ta' sustanzi niġġiesa mill-iskariki ta' dak l-impjant ma

taqbiż it-tagħbija ta' sustanzi niġġiesa li tiġi skarikata jekk l-iskariki jiġu rilaxxati direttament mill-installazzjoni u jkunu konformi mal-valuri ta' limitu tal-emissjonijiet stabbiliti f'konformità mal-Artikolu 15(3) ta' dik id-Direttiva u kwalunkwe miżura addizzjonali meħuda f'konformità mal-Artikolu 18 ta' dik id-Direttiva;

- (e) li t-tagħbija ta' sustanzi niġġiesa fl-iskariku tal-impjant tat-trattament tal-ilma mormi urban ma tiddeterjorax l-istat ekoloġiku tajjeb jew l-istat kimiku potenzjali jew tajjeb tal-korp tal-ilma riċeventi u ma tipprevjenix lil dak il-korp tal-ilma milli jikseb tali status, f'konformità mal-oġġettivi stabbiliti fl-Artikolu 4 tad-Direttiva 2000/60/KE.

2. L-awtorizzazzjoni speċifika għandha tinkludi anness, li jiddokumenta l-issodisfar tal-kondizzjonijiet kollha stabbiliti fil-punt 1. Id-dispożizzjonijiet tal-awtorizzazzjonijiet speċifiċi għandhom jiġu aġġornati fil-każijiet fejn il-karatteristiċi tal-ilma mormi mhux domestiku, tal-impjant tat-trattament tal-ilma mormi urban jew tal-korp tal-ilma riċeventi jinbidlu b'mod sinifikanti biex jiġi żgurat li daww il-kondizzjonijiet jibqgħu ssodisfati.

↓ 91/271/KEE (adattat)
⇒ ġdid

D. ~~METODI TA' REFERENZA~~ GĦAL ~~SORVELLIANZA~~ MONITORAĠĠ U EVALWAZZJONI TAR- RIŻULTATI

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jkun applikat metodu ta' ~~sorveljanza~~ monitoraġġ li ☒ jissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fil-punti 2 sa 5 ~~li jkun jikkorrispondi għal tal-anqas mal-livell tal-kriterji deskritti hawn taħt.~~

Metodi alternattivi għal daww imsemmija fil-~~paragrafi~~ punti 2, 3 u 4 jistgħu jintużaw, sakemm jintwera li jintlaħqu riżultati ekwivalenti.

L-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni bl-informazzjoni relevanti kollha li tikkonċerna l-Metodu ☒ ta' monitoraġġ ☒ li jkun ġie applikat. ~~Jekk il-Kummissjoni tkun tikkunsidra li l-kondizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafi 2, 3 u 4 ma jkunux intlaħqu, hi għandha tissottometti proposta xierqa lill-Kunsill.~~

2. Kampjuni ~~ta' ħamla flow proportional~~ proporzjonali għall-fluss jew daww ibbażati fuq perjodu ta' 24 siegħa għandhom jinġabru fl-istess post definit tajjeb fl-iżbokk u, jekk ikun meħtieġ, fid-daħla tal-impjant tat-trattament ☒ tal-ilma mormi urban ☒ ~~biex tiġi sorveljata l-konformità mal-kriterji tal-ilma mormi skarikat hekk kif stabbilit f'din id-Direttiva.~~ ⇒ Madankollu, kwalunkwe kampjun ibbażat fuq il-ħin użat għall-monitoraġġ tal-mikrosustanzi niġġiesa għandu jkun kampjun ta' 48 siegħa. ⇐

Għandhom ikunu applikati Prattiki tajbin internazzjonali tal-laboratorju li għandhom l-għan li jnaqqsu d-degradazzjoni tal-kampjuni bejn il-kollezzjoni u l-analiżi.

3. In-numru minimu annwali ta' kampjuni għandu jkun determinat skont il-qies tal-impjant tat-trattament u dawn għandhom jinġabru f'intervalli regolari matul is-sena:

- 2000 ⇒ 1000 ⇐ sa 9 999 e.p.:	12 il kampjun matul l-ewwel sena. Erba' kampjuni fis-snin ta' wara, jekk ikun jista' jintwera li l-ilma matul l-ewwel sena ikun jikkonforma mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva; jekk wieħed mill-erba' kampjuni jfalli, għandhom jittieħdu
--------------------------------	---

	12-il kampjun fis-sena ta' wara. ⇒ Kampjun wieħed fix-xahar ⇐
- 10 000 sa 49 999 e.p.:	⇒ Żewġ kampjuni fix-xahar Għall-mikrosustanzi niġġiesa, kampjun wieħed fix-xahar ⇐ 12-il kampjun.
- 50 000 ⇒ sa 99 999 ⇐ e.p. Jew iktar:	⇒ Kampjun wieħed fil-ġimgħa. Għall-mikrosustanzi niġġiesa, żewġ kampjuni fil-ġimgħa ⇐ 24 kampjun.
⇒ — 100 000 e.p. jew iktar: ⇐	⇒ Kampjun wieħed kuljum Għall-mikrosustanzi niġġiesa, żewġ kampjuni fil-ġimgħa ⇐

4. L-ilma mormi ttrattat għandu jitqies li jikkonforma mal-parametri rilevanti jekk, għal kull parametru rilevanti kkunsidrat individwalment, il-kampjuni ta' l-ilma juru li dan ikun jikkonforma mal-valuri parametriċi rilevanti bil-mod kif ġej:

(a) għall-parametri speċifikati fit-Tabella 1 ~~u l-Artikolu 2(7)~~, in-numru massimu ta' kampjuni li jistgħu ma jissodisfawx il-kriterji, espressi f'termini ta' konċentrazzjonijiet u/jew tnaqqis fil-persentaġġi ~~fit-Tabella 1 u fl-Artikolu 2(7)~~, huwa speċifikat fit-Tabella ~~43~~;

(b) għall-parametri tat-Tabella 1 espressi f'konċentrazzjonijiet, il-kampjuni li jeħlu li jkunu tteħdu taħt kondizzjonijiet normali ta' użu m'għandhomx jiddevjaw mill-valuri parametriċi b'aktar minn 100 %, ~~⇒ ħliet għall-parametru tas-solidi sospiżi totali, li għalih id-devjazzjonijiet mill-⇐ Għall-valuri parametriċi f'konċentrazzjoni li għandha x'taqas mas-solidi sospiżi totali, devjazzjonijiet sa 150 % jistgħu jkunu aċċettati;~~

(c) għal dawk il-parametri speċifikati fit-Tabella 2 il-medja annwali tal-kampjuni għal kull parametru għandha tikkonforma mal-valuri parametriċi rilevanti ~~⇐~~ stabbiliti f'dik it-tabella ~~⇐~~. ⇒ Parametru wieħed jew it-tnejn li huma jistgħu jiġu applikati, skont is-sitwazzjoni lokali. Il-valuri għall-konċentrazzjoni jew għall-persentaġġi minimi tat-tnaqqis għandhom japplikaw; ⇐

↓ ġdid

(d) għall-parametri speċifikati fit-Tabella 3, kull kampjun meħud għandu jkun konformi mal-valuri parametriċi stabbiliti f'dik it-tabella.

↓ 91/271/KEE

⇒ ġdid

5. ⇒ Il-kampjuni għandhom jittieħdu biex jirriflettu t-tniġġis f'kondizzjonijiet tat-temp xotti. ⇐ Valuri estremi għall-kwalità tal-ilma inkwistjoni m'għandhomx jiġu kkunsidrati meta dawn ikunu r-riżultat ta' sitwazzjonijiet mhux tas-soltu, ~~bħalma li minħabba~~ xita qawwija.

↓ ġdid

6. Analiżi li jikkonċernaw skariki mil-lagunar għandhom isiru fuq kampjuni ffiltrati; madankollu, il-konċentrazzjoni tas-solidi totali sospiżi f'kampjuni tal-ilma mhux iffiltrati m'għandhiex taqbeż il-150 mg/l.

↓ 91/271/KEE (adattat)

⇒ ġdid

Tabella 1: Ħtiġijiet għar-rimi minn makkinarju għat-trattament ta' skart urban ta' ilma skont l-Artikolu 64 u 5 tad-Direttiva. Il-valuri għall-konċentrazzjoni jew għall-persentaġġ ta' tnaqqis għandhom japplikaw.

Parametri	Konċentrazzjoni	Persentaġġ minimu ta' tnaqqis ¹	Metodu ta' referenza ta' kejl
Domanda għal ossiġnu bio-kemikali Domanda bijokimika ta' ossiġnu (BOD ₅ f'temperatura ta' 20 °C) mingħajr nitrifikazzjoni ² ☒ (ara n-Nota 1) ☒	25 mg/l O ₂	70-90 40 taħt l-Artikolu 4(2)	Kampjun omogeneizzat, mhux iffiltrat u mhux imsawwab. Determinazzjoni ta' ossiġenu maħlul qabel u wara inkubazzjoni ta' ħamest ijiem f'temperatura ta' 20 °C ± 1 °C fi dlam komplet. Żieda ta' inibitur ta' nitrifikazzjoni.
Domanda għal ossiġnu kemikali Domanda kimika ta' ossiġnu (COD) ☒ (Ara n-Nota 2) ☒	125 mg/l O ₂	75	Kampjun ta' potassium dichromate omogeneizzat, mhux iffiltrat u mhux imsawwab. <u>Dikromat tal-potassju</u>
⇒ Kontenut Totali ta' Karbonju Organiku (Ara n-Nota 2) ⇐	⇒ 37 mg/l ⇐	⇒ 75 ⇐	⇒ EN 1484 ⇐
Solidi totali sospiżi	35 mg/l ³ ☒ (ara n-Nota 3) ☒ 35 taħt l-Artikolu 4(2) (aktar minn 10000 e.p.) 60 taħt l-Artikolu 4(2) (2 000-10 000 e.p.)	90 ⁴ ☒ (ara n-Nota 3) ☒ 90 taħt l-Artikolu 4(2) (aktar minn 10000 e.p.) 70 taħt l-Artikolu 4(2) (2 000-10 000 e.p.)	– Iffiltrar ta' kampjun rappreżentattiv minn ġo filtru tal-membrana ta' 0,45 mm. u jinnexxif f'temperatura ta' 105 °C u <u>jżenuzin</u> – Ċentrifugar ta' kampjun rappreżentattiv (għal tal-anqas ħames

¹ Tnaqqis relatat mat-tagħbija tal-influent.

² Il-parametru jista' jinbidel b'ieħor: il karbon organiku kollu (TOC) jew id domanda totali għall-ossiġnu (TOD) jekk tista' tiġi stabbilita relazzjoni bejn BOD₅ u l-parametru sostitut.

³ Dan il kriterju huwa diskrezzjonali.

⁴ Dan il kriterju huwa diskrezzjonali.

↓ ġdid

Nota 1: Il-parametru jista' jiġi sostitwit b'ieħor: il-kontenut totali ta' karbonju organiku (TOC) jew id-domanda totali għall-ossiġenu (TOD) jekk tista' tiġi stabbilita relazzjoni bejn BOD5 u l-parametru sostitut.

Nota 2: L-Istati Membri għandhom ikejlu jew id-Domanda kimika ta' ossiġenu (COD) jew il-Kontenut totali ta' Karbonju Organiku.

Nota 3: Dan il-kriterju huwa diskrezzjonali.

↓ 91/271/KEE

~~Analiżi li jikkonċernaw skariki mill-lagunar għandhom isiru fuq kampjuni ffiltrati; iżda, il-konċentrazzjoni tas-solidi totali sospiżi f'kampjuni tal-ilma mhux iffiltrati m'għandhiex tejjedi aktar minn 150 mg/l.~~

↓ 98/15/KE Art. 1 u l-Anness (adattat)
→₁ 98/15/KE, Art. 1 u l-Anness emendati bil-Corrigendum, ĠU L 189, 17.7.2015, p. 41
→₂ 98/15/KE, Art. 1 u l-Anness emendati bil-Corrigendum, ĠU L 139, 2.6.1999, p. 34
⇒ ġdid

Tabella 2:

→₁ Rekwiżiti għal ☒ trattament terzjarju ta' ☒ ~~tnixxijiet minn impjanti tal-ilma tal-iskart urban~~ ☒ skariki mill-impjanti tat-trattament tal-ilma mormi urban ☒ ⇒ imsemmija fl-Artikolu 7(1) u (3) ☐ ~~għal wesgħat sensittivi li huma suġġetti għal ewtrofikazzjoni kif identifikat fl-Anness II.A(a).~~ ← Parametru wieħed jew it-tnejn li huma jistgħu jiġu applikati, skont is-sitwazzjoni lokali. Il-valuri għall-konċentrazzjoni jew għall-persentaġġ ta' tnaqqis għandhom japplikaw.

Parametri	Konċentrazzjoni	Persentaġġ minimu ta' tnaqqis ⁷ ☒ (Ara n-Nota 1) ☒	Metodu ta' referenza ta' kejl
Fosforu totali	→ 2 mg/l (10 000-100 000 p.e.) ← 1 mg/l (iktar minn 100 000 p.e.) ⇒ 0,5 mg/L ⇐	80 ⇒ 90 ⇐	Molecular absorption spectrophotometry Spettrofotometrija ta' assorbiment molekolari
Nitroġenu totali ⁸	15 il mg/l (10 000-100 000)⁹ 10 mg/l (iktar minn 100 000 p.e.)¹⁰ ⇒ 6 mg/L ⇐	70-80 ⇒ 85 ⇐	Molecular absorption spectrophotometry Spettrofotometrija ta' assorbiment molekolari

↓ ġdid

Nota 1: Iż-żamma tan-nitroġenu naturali m'għandhiex titqies fil-kalkolu tal-persentaġġ minimu ta' tnaqqis.

⁷ Tnaqqis relatat mat-tagħbija tal-influent.

⁸ ~~Total ta' nitroġenu ifisser it-total tan-nitroġenu Kjeldahl totali (nitroġenu organiku u nitroġenu fl-ammonja), in nitroġenu fin-nitrati u n-nitroġenu fin-nitriti.~~

⁹ ~~Dawn il-valuri tal-konċentrazzjoni huma medji annwali kif imsemmi fil-Paragrafu D.4(ê) tal-Anness I. Madankollu, ir-rekwiżiti tan-nitroġenu jistgħu jiġu verifikati permezz tal-medja ta' kull jum meta jkun hemm provi li, skont il-Paragrafu D.1 tal-Anness I, jinkiseb l-istess livell ta' protezzjoni. F'dan il-każ, il-medja ta' kuljum m'għandhiex taqbeż l-20 mg/l ta' nitroġenu totali għall-kampjuni kollha meta t-temperatura mill-effluent tar-reattur bioloġiku tkun ogħla minn 12 il-grad Celsius. Il-kondizzjonijiet tat-temperatura jistgħu jinbidlu b'limitu impost fuq il-ħin tal-operazzjoni biex b'hekk tkun kunsidrata l-klima reġjonali.~~

¹⁰ ~~Dawn il-valuri tal-konċentrazzjoni huma medji annwali kif imsemmi fil-Paragrafu D.4(ê) tal-Anness I. Madankollu, ir-rekwiżiti tan-nitroġenu jistgħu jiġu verifikati permezz tal-medja ta' kull jum meta jkun hemm provi li, skont il-Paragrafu D.1 tal-Anness I, jinkiseb l-istess livell ta' protezzjoni. F'dan il-każ, il-medja ta' kuljum m'għandhiex taqbeż l-20 mg/l ta' nitroġenu totali għall-kampjuni kollha meta t-temperatura mill-effluent tar-reattur bioloġiku tkun ogħla minn 12 il-grad Celsius. Il-kondizzjonijiet tat-temperatura jistgħu jinbidlu b'limitu impost fuq il-ħin tal-operazzjoni biex b'hekk tkun kunsidrata l-klima reġjonali.~~

Tabella 3: Rekwiżiti għat-trattament kwaternarju tal-iskariki mill-impjanti tat-trattament tal-ilma mormi urban imsemmija fl-Artikoli 8(1) u (3).

Indikaturi	Persentaġġ minimu tat-tneħħija
Sustanzi li jistgħu jniġġsu l-ilma anke f'konċentrazzjonijiet baxxi (ara n-Nota 1)	80 % (ara n-Nota 2)

Nota 1: Għandha titkejjel il-konċentrazzjoni tas-sustanzi organiċi msemmija fil-punti (a) u (b).

(a) Kategorija 1 (sustanzi li jistgħu jiġu ttrattati faċilment ħafna):

- (i) Amisulpridu (Nru CAS 71675-85-9),
- (ii) Karbamazepina (Nru CAS 298-46-4),
- (iii) Ċitalopram (Nru CAS 59729-33-8),
- (iv) Klaritromiċina (Nru CAS 81103-11-9),
- (v) Diklofenak (Nru CAS 15307-86-5),
- (vi)— Idroklorotijażid (Nru CAS 58-93-5),
- (vii) Metoprolol (Nru CAS 37350-58-6),
- (viii)— Venlafaksina (Nru CAS 93413-69-5);

(b) Kategorija 2 (sustanzi li jistgħu jintremew faċilment):

- (i) Benzotriazol (Nru CAS 95-14-7),
- (ii) Kandesartan (Nru CAS 139481-59-7),
- (iii) Irbesartan (Nru CAS 138402-11-6),
- (iv) taħlita ta' 4-Metilbenzotriazol (Nru CAS 29878-31-7) u 6-metil-benzotriazol (Nru CAS 136-85-6).

Nota 2: Il-persentaġġ tat-tneħħija għandu jiġi kkalkulat għal mill-inqas sitt sustanzi. In-numru ta' sustanzi fil-kategorija 1 għandu jkun id-doppju tan-numru ta' sustanzi fil-kategorija 2. Jekk inqas minn sitt sustanzi jkunu jistgħu jitkejlu f'konċentrazzjoni suffiċjenti, l-awtorità kompetenti għandha tinnomina sustanzi oħra biex tikkalkula l-persentaġġ minimu ta' tneħħija meta jkun meħtieġ. Il-medja tal-persentaġġi tat-tneħħija tas-sustanzi użati fil-kalkolu għandha tintuża biex jiġi vvalutat jekk intlaħaqx il-persentaġġ minimu meħtieġ tat-tneħħija ta' 80 %.

↓ 91/271/KEE	
Tabella 43	
Serje ta' kampjuni meħuda f'sena	In-numru massimu permess ta' kampjuni li jonqsu milli

	jikkonformaw
4-7	1
8-16	2
17-28	3
29-40	4
41-53	5
54-67	6
68-81	7
82-95	8
96-110	9
111-125	10
126-140	11
141-155	12
156-171	13
172-187	14
188-203	15
204-219	16
220-235	17
236-251	18
252-268	19
269-284	20
285-300	21
301-317	22
318-334	23
335-350	24
351-365	25

ANNESS 2

⊠ ŻONI SENSITTIVI GĦALL-EWTROFIKAZZJONI ⊠

~~KRITERJI GĦALL-IDENTIFIKAZZJONI TA' ŻONI SENSITTIVI U INQAS SENSITTIVI~~

~~A. ŻONI SENSITTIVI~~

↓ ġdid

1. Żoni li jinsabu fil-baċir idrografiku tal-Baħar Baltiku, tal-Baħar l-Iswed, ta' partijiet mill-Baħar tat-Tramuntana identifikati bħala sensittivi għall-ewtrofikazzjoni skont id-Direttiva 2008/56/KE u ta' partijiet mill-Baħar Adrijatiku identifikati bħala sensittivi għall-ewtrofikazzjoni skont id-Direttiva 2008/56/KE;

↓ 91/271/KEE

⇒ ġdid

~~Massa ta' ilma għandha tkun identifikata bħala waħda sensittiva jekk din taqa' f'wieħed minn dawn il-gruppi li ġejjin:~~

~~2.(a)~~ Għadajjar naturali b' ilma ħelu, masses oħrajn ta' ilma ħelu, ilmijiet estwarji u kostali li jinsab li huma ewtrofiċi jew li fil-futur qrib jistgħu isiru ewtrofiċi jekk ma tittieħed l-ebda azzjoni protettiva.

L-elementi li ġejjin ~~jistgħu~~ ⇒ għandhom ⇐ jiġu evalwati meta wieħed jikkunsidra liema nutrijent ~~għandu~~ jenħtieġ li jitnaqqas permezz ta' trattament ieħor:

(a) għadajjar u nixxigħat li jilħqu għadajjar/ġibjuni/bajjiet magħluqa li jkollhom skambju fqir ta' ilma, u li permezz t'hekk tkun tista' tiffirma l-agglomerazzjoni. F'dawn iż-żoni, it-tneħħija tal-fosforu ~~għandha~~ jenħtieġ li tkun inkluża, kemm-il darba jintwera li t-tneħħija ta' dan ma jkollha l-ebda effett fuq il-livell ta' ewtrofikazzjoni. Fejn isiru skariki minn agglomerazzjonijiet kbar, it-tneħħija tan-nitroġenu tista' tkun ukoll kunsidrata;

(b) estwarji, bajjiet u ilmijiet kostali oħra li jkollhom skambju fqir ta' ilma, jew li jirċievu kwantitajiet kbar ta' nutrijenti. Skariki minn agglomerazzjonijiet żgħar f'dawk iż-żoni normalment ikunu ta' importanza minima, iżda għal agglomerazzjonijiet kbar, it-tneħħija tal-fosforu u/jew nitroġenu ~~għandha~~ jenħtieġ li tkun inkluża, kemm-il darba jintwera li t-tneħħija ta' dan ma tħalli l-ebda effett fuq il-livell ta' ewtrofikazzjoni;

~~3.(b)~~ Ilma ħelu tas-superfiċi maħsub għall-astrazzjoni ta' ilma tajjeb għax-xorb li jista' jkun fih aktar mill-konċentrazzjoni ta' nitrato stipulata mid-dispożizzjonijiet rilevanti tad-Direttiva (UE) 2020/2184 ~~Direttiva tal-Kunsill 75/440/KEE tas-16 ta' Ġunju 1975 li ttrigwarda l-kwalità meħtieġa ta' ilma tal-wieċ maħsub għall-astrazzjoni ta'~~

~~ilma tajjeb għax-xorb fl-Istati Membri¹¹, jekk ma tittieħed l-ebda azzjoni
⇒ protettiva ⇐;~~

- ~~4.(e) Żżoni fejn trattament differenti minn dak preskritt fl-Artikolu 4 ⇐ 7 ⇐ ta' din id-Direttiva ikun meħtieġ biex ⇐ jikkonforma ma' atti oħra tal-Unjoni fil-qasam ambjentali, inkluż b'mod partikolari korpi tal-ilma koperti mid-Direttiva 2000/60/KE li huma f'riskju li ma jżommux jew li ma jiksbox stat jew potenzjal ekoloġiku tajjeb ⇐ jaderixxi għad Direttivi tal-Kunsill.~~

⇓ ġdid

5. Kwalunkwe żona oħra misjuba mill-Istati Membri li hija sensitiva għall-ewtrofikazzjoni.

⇓ 91/271/KEE

~~B. ŻONI INQAS SENSITTIVI~~

~~Massa ta' ilma baħar jew żona tista' tkun identifikata bħala waħda inqas sensitiva jekk l-emissjoni ta' ilma mormi ma jkunx jaffettwa lill-ambjent b'mod negattiv bħala konsegwenza tal-morfoloġija, idroloġija jew il-kondizzjonijiet idrawliċi speċifiċi li jkunu jeżistu f'dik iż-żona.~~

~~Meta jiġu identifikati żoni inqas sensitivi, l-Istati Membri għandhom jikkunsidraw ir-riskju li t-toqol li jkun intrema jista' jinġarr għal żoni fil-qrib fejn dan jista' jikkawża effetti detrimental fuq l-ambjent. L-Istati Membri għandhom jirrikonoxxu l-preżenza ta' żoni sensitivi barra mill-ġuriżdizzjoni nazzjonali tagħhom.~~

~~L-elementi li għejjin għandhom jiġu kkunsidrati meta jkunu qed jiġu identifikati żoni inqas sensitivi:~~

~~Bajjiet miftuħa, ilmijiet estwarji u kostali oħrajn li jkollhom skambju tajjeb ta' ilma u mhux soġġetti għall-ewtrofikazzjoni jew għat-tnaqqs fl-ossiġenu, jew dawk li diffiċilment isiru ewtrofiċi jew li fihom jiżviluppa tnaqqis fl-ossiġenu minħabba l-iskarika ta' ilma mormi urban.~~

¹¹ ~~ĠU L 194, tal 25.7.1975, p. 26 kif emendata bid-Direttiva 79/869/KEE (ĠU L 271, tad 29.10.1979, p. 44);~~

ANNESS 3

LISTA TA' PRODOTTI KOPERTI MIR-RESPONSABBILTÀ ESTIŻA TAL- PRODUTTUR

1. Il-prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2001/83/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹².

2. Il-prodotti kożmetiċi li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-prodotti kozmetiċi¹³.

¹² Direttiva 2001/83/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Novembru 2001 dwar il-kodiċi tal-Komunità li għandu x'jaqsam ma' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem (*ĠU L 311, 28.11.2001, p. 67–128*).

¹³ Ir-Regolament (KE) Nru 1223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-prodotti kożmetiċi (*ĠU L 342, 22.12.2009, p. 59–209*).

ANNESS 4

SETTURI INDUSTRIJALI

1. L-ipproċessar tal-ħalib
2. Manifattura ta' prodotti tal-frott u l-ħaxix
3. Manifattura u bbottiljar ta' luminati
4. Ipproċessar tal-patata
5. L-industrija tal-laħam
6. Birreriji
7. Produzzjoni ta' alkoħol u xorb alkoħoliku
8. Manifattura ta' għalf tal-annimali minn prodotti tal-pjanti
9. Manifattura tal-ġelatina u ta' kolla minn ġild u għadam
10. Bini li jintuża fil-produzzjoni tal-birra mix-xgħir
11. L-industrija tal-ipproċessar tal-ħut

ANNESS 5

KONTENUT TAL-PJANIJIET INTEGRATI GĦALL-ĠESTJONI TAL-ILMA MORMI URBAN

1. analiżi tas-sitwazzjoni inizjali taż-żona tad-drenaġġ tal-impjant tat-trattament tal-ilma mormi urban tal-agglomerazzjoni kkonċernati, inkluż mill-inqas dawn li ġejjin:

(a) deskrizzjoni dettaljata tan-network tas-sistemi ta' ġbir, tal-kapaċitajiet tal-ħżin tal-ilma mormi urban u tal-ilma tax-xeba' urban ta' dak in-network u tal-kapaċitajiet eżistenti tat-trattament tal-ilma mormi urban f'każ ta' xita;

(b) analiżi dinamika tal-flussi tal-ilma tax-xeba' urban u tal-ilma mormi urban fil-każ ta' xita bbażata fuq l-użu ta' mudelli idroloġiċi, idrawliċi u dawk tal-kwalità tal-ilma li jqisu l-projezzjonijiet klimatiċi l-aktar avvanzati u li jinkludu stima tat-tagħbija tat-tniġġis rilaxxata fl-ilmijiet riċeventi f'każ ta' xita;

2. objettivi għat-tnaqqis tat-tniġġis mit-tifwir tal-ilma u l-ilma tax-xeba' urban, inkluż dawn li ġejjin:

(a) objettiv indikattiv li t-tifwir tal-ilma mill-maltemp jirrappreżenta mhux aktar minn 1 % tat-tagħbija annwali miġbura tal-ilma mormi urban ikkalkulata f'kondizzjonijiet ta' temp xott;

Din il-mira indikattiva għandha tiġi ssodisfata:

(i) sal-31 ta' Diċembru 2035 għall-agglomerazzjonijiet kollha ta' 100 000 e.p. u iktar;

(ii) sal-31 ta' Diċembru 2040 għall-agglomerazzjonijiet ta' 10 000 e.p. u iktar identifikati f'konformità mal-paragrafu 2 tal-Artikolu 5;

(b) l-eliminazzjoni progressiva ta' skariki mhux ittrattati ta' ilma tax-xeba' urban permezz ta' networks tal-ġbir separati, sakemm ma jkunx jista' jintwera li dawk l-iskariki ma jikkawżawx impatti negattivi fuq il-kwalità tal-ilmijiet riċeventi;

3. il-miżuri li għandhom jittieħdu biex jintlaħqu l-oġġettivi msemmija fil-punt 2 akkumpanjati minn identifikazzjoni ċara tal-atturi involuti u r-responsabbiltajiet fl-impjantazzjoni tal-pjan integrat.

4. Meta jkun qed jivvalutaw liema miżuri għandhom jittieħdu skont il-punt 3, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti jqisu mill-inqas dan li ġej:

(a) l-ewwel nett, il-miżuri preventivi li għandhom l-għan li jevitaw id-dħul ta' ilmijiet tax-xita mhux imniġġsa fis-sistemi tal-ġbir, inkluż miżuri li jippromwovu ż-żamma naturali tal-ilma jew il-ġbir tal-ilma tax-xita, u miżuri li jżidu l-ispazji ħodor jew jillimitaw l-uċuħ impermeabbli fl-agglomerazzjonijiet;

(b) it-tieni, il-miżuri biex jiġi ġestit u ottimizzat aħjar l-użu tal-infrastruttura eżistenti inkluż is-sistemi ta' ġbir, il-volumi tal-ħżin, l-impjanti tat-trattament tal-ilma mormi urban bl-għan li jiġi żgurat li l-ilma tax-xita mniġġes jinġabar u jiġi ttrattat, u r-rilaxxi ta' ilma mormi urban mhux ittrattat fl-ilmijiet riċeventi jiġu minimizzati;

(c) fl-aħħar nett, fejn meħtieġ biex jinkisbu l-oġġettivi msemmija fil-punt 2, miżuri ta' mitigazzjoni addizzjonali inkluż l-adattament tal-infrastruttura għall-ġbir, il-ħżin u t-trattament tal-ilma mormi urban jew il-ħolqien ta' infrastrutturi ġodda bi prijetà għall-

infrastruttura ekoloġika bħal fosos veġetati, artijiet mistagħdra għat-trattament u għadajjar għall-ħżin imfassla biex jappoġġaw il-bijodiversità. Fejn rilevanti, għandu jitqies l-użu mill-ġdid tal-ilma fil-kuntest tal-iżvilupp tal-pjanijiet integrati għall-ġestjoni tal-ilma mormi urban imsemmija fl-Artikolu 5.

ANNESS 6

INFORMAZZJONI GĦALL-PUBBLIKU

- (1) L-awtorità kompetenti u l-operatur(i) responsabbli għas-servizzi tal-ġbir u t-trattament tal-ilma mormi urban, inkluż informazzjoni dwar l-istruttura tas-sjeda tal-operaturi u l-informazzjoni ta' kuntatt tagħhom.
- (2) It-tagħbija totali tal-ilma mormi urban espressa f'ekwivalenti tal-popolazzjoni (e.p.) iġġenerata fl-agglomerazzjoni, b'dettalji dwar is-sehem ta' dik it-tagħbija (f%) jiġifieri:
 - (a) miġbur u ttrattat f'impjanti tat-trattament tal-ilma mormi urban;
 - (b) ittrattat minn sistemi individwali rreġistrati;
 - (c) mhux miġbur jew ittrattat.
- (3) Fejn rilevanti, ġustifikazzjoni għaliex ċerta tagħbija ta' ilma mormi urban ma tinġabarx jew ma tiġix ittrattata.
- (4) Informazzjoni dwar il-kwalità tal-ilma mormi urban skarikat mill-agglomerazzjoni għal kull korp tal-ilma riċeventi, inkluż l-elementi li ġejjin:
 - (a) konċentrazzjonijiet medji annwali u t-tagħbija ta' sustanzi niġġiesa koperti mill-Artikolu 21, rilaxxati minn kull impjant tat-trattament tal-ilma mormi urban;
 - (b) stima tat-tagħbija tal-iskariki minn sistemi individwali għall-parametri msemmija fit-Tabelli 1 u 2 tal-Anness I;
 - (c) stima tat-tagħbija tal-iskariki minn sistemi kkombinati tad-drenaġġ separati għall-ilma tax-xeba' urban u t-tifwir tal-ilma mill-maltemp għall-parametri msemmija fit-Tabelli 1 u 2 tal-Anness I.
- (5) il-kostijiet annwali totali tal-investment u l-kostijiet operazzjonali, b'distinzzjoni bejn il-kostijiet tal-ġbir u tat-trattament, il-kostijiet annwali totali relatati mal-persunal, l-enerġija, l-oġġetti għall-konsum, il-kostijiet amministrattivi u kostijiet oħra kif ukoll il-kostijiet annwali medji operazzjonali u tal-investment għal kull unità domestika u għal kull metru kubu ta' ilma mormi urban miġbur u ttrattat;
- (6) informazzjoni dwar kif il-kostijiet imsemmija fil-punt 5 huma koperti u, fejn il-kostijiet jiġu rkuprati permezz ta' sistema tariffarja, informazzjoni dwar l-istruttura tat-tariffa għal kull metru kubu ta' ilma mormi urban miġbur u ttrattat dwar l-istruttura tat-tariffa jew għal kull metru kubu ta' ilma mormi urban miġbur u ttrattat jew għal kull metru kubu ta' ilma fornut, inkluż il-kostijiet fissi u varjabbli u diżaggregazzjoni bejn il-kostijiet għall-ġbir, it-trattament, l-amministrazzjoni u kostijiet oħra;
- (7) il-pjanijiet ta' investment għall-infrastrutturi tal-ġbir u t-trattament tal-ilma mormi urban fil-livell tal-agglomerazzjoni, b'impatti previsti fuq it-tariffi tas-servizzi tal-ilma mormi urban, u l-benefiċċji finanzjarji u soċjetali maħsuba;
- (8) għal kull impjant tat-trattament tal-ilma mormi urban fl-agglomerazzjoni:
 - (a) it-tagħbija totali (f'e.p.) ittrattata u l-enerġija meħtieġa biex jiġi ttrattat l-ilma mormi urban (f'kWh totali u għal kull metru kubu);
 - (b) l-enerġija rinnovabbli totali prodotta (GWh/sena) kull sena, inkluż tqassim skont is-sors tal-enerġija;

(c) it-tunnellati ta' ekwivalenti ta' CO₂ prodotti jew evitati fis-sena minħabba t-tħaddim tal-impjant tat-trattament tal-ilma mormi urban.

(9) l-emissjonijiet totali ta' gassijiet serra (f'tunnellati ta' ekwivalenti ta' CO₂) prodotti jew evitati kull sena bit-tħaddim ta' infrastrutturi tal-ġbir u t-trattament tal-ilma mormi urban f'kull agglomerazzjoni u, jekk disponibbli, l-emissjonijiet totali ta' gassijiet serra (f'tunnellati ta' ekwivalenti ta' CO₂) prodotti matul il-kostruzzjoni ta' dawk l-infrastrutturi;

(10) sommarju tan-natura u tal-istatistika dwar l-ilmenti u tat-tweġibiet mogħtija mill-operaturi tal-impjanti tat-trattament tal-ilma mormi urban dwar kwistjonijiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva.



ANNEX 7

Parti A

Direttiva Mħassra
flimkien ma' lista tal-emendi suċċessivi tagħha
(imsemmija fl-Artikolu [19])

Id-Direttiva tal-Kunsill 91/271/KEE (ĠU L 135, 30.5.1991, p. 40)	
Id-Direttiva tal-Kummissjoni 98/15/KE (ĠU L 67, 7.3.1998, p. 29)	
Ir-Regolament (KE) Nru 1882/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 284, 31.10.2003, p. 1)	l-Anness III, il-punt 21 biss
Ir-Regolament (KE) Nru 1137/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 311, 21.11.2008, p. 1)	l-Anness, il-punt 4.2 biss
Id-Direttiva tal-Kunsill 2013/64/UE (ĠU L 353, 28.12.2013, p. 8)	l-Artikolu 1 biss

Parti B

Limiti ta' żmien għat-traspożizzjoni fid-dritt nazzjonali

Direttiva	Limitu ta' żmien għat-traspożizzjoni
91/271/KE	it-30 ta' Ġunju 1993
98/15/KE	it-30 ta' Settembru 1998
2013/64/UE	il-31 ta' Diċembru 2018 fir-rigward tal-Artikolu 1(1), (2) u (3) it-30 ta' Ġunju 2014 fir-rigward tal-Artikolu 1(5), il-punt (a) il-31 ta' Diċembru 2014 fir-rigward tal-Artikolu 1(5), il-punt (b)

ANNESS 8

TABELLA TA' KORRELAZZJONI

Id-Direttiva 91/271/KE	Din id-Direttiva
L-Artikolu 1	L-Artikolu 1
L-Artikolu 2, kliem introdutturju	L-Artikolu 2, kliem introdutturju
L-Artikolu 2, il-punti 1 sa 4	L-Artikolu 2, il-punti 1 sa 4
-	L-Artikolu 2, il-punti 5 u 6
L-Artikolu 2, il-punt 5	L-Artikolu 2, il-punt 7
-	L-Artikolu 2, il-punti 8 u 9
L-Artikolu 2, il-punt 6	L-Artikolu 2, il-punt 10
L-Artikolu 2, il-punt 8	L-Artikolu 2, il-punt 11
-	L-Artikolu 2, il-punti 12 u 13
L-Artikolu 2, il-punt 10	L-Artikolu 2, il-punt 14
L-Artikolu 2, il-punt 11	L-Artikolu 2, il-punt 15
-	L-Artikolu 2, il-punti 16 sa 23
L-Artikolu 3(1)	L-Artikolu 3(1)
-	L-Artikolu 3(2)
L-Artikolu 3(2)	L-Artikolu 3(3)
L-Artikolu 3(1), it-tielet subparagrafu	L-Artikolu 4(1)
-	L-Artikolu 4(2)
-	L-Artikolu 4(3)
-	L-Artikolu 4(4)
-	L-Artikolu 4(5)
-	L-Artikolu 5
L-Artikolu 4(1)	L-Artikolu 6(1)
-	L-Artikolu 6(2)
-	L-Artikolu 6(3)
L-Artikolu 4(4)	L-Artikolu 6(4)
-	L-Artikolu 7(1)
-	L-Artikolu 7(2)
L-Artikolu 5(2)	L-Artikolu 7(3)
-	L-Artikolu 7(4)

L-Artikolu 5(4)
L-Artikolu 5(5)
L-Artikolu 5(7)
-
-
-
-
L-Artikolu 9
-
L-Artikolu 10
L-Artikolu 11(1)
-
-
L-Artikolu 11(3)
-
L-Artikolu 12(2)
L-Artikolu 12(3)
-
-
-
-
-
L-Artikolu 15(1)
-
-
-
L-Artikolu 17(1)
-
-
-
-
-
-
-
L-Artikolu 18

L-Artikolu 7(5)
L-Artikolu 7(6)
L-Artikolu 7(7)
L-Artikolu 8
L-Artikolu 9
L-Artikolu 10
L-Artikolu 11
L-Artikolu 12(1)
L-Artikolu 12(2)
L-Artikolu 13
L-Artikolu 14(1)
L-Artikolu 14(2)
L-Artikolu 14(3)
L-Artikolu 14(4)
L-Artikolu 15(1)
L-Artikolu 15(2)
L-Artikolu 15(3)
L-Artikolu 16
L-Artikolu 17
L-Artikolu 18
L-Artikolu 19
L-Artikolu 20
L-Artikolu 21(1)
L-Artikolu 21(2)
L-Artikolu 21(3)
L-Artikolu 22
L-Artikolu 23(1)
L-Artikolu 23(2)
L-Artikolu 23(3)
L-Artikolu 23(4)
L-Artikolu 24
L-Artikolu 25
L-Artikolu 26
L-Artikolu 27
L-Artikolu 28

-	L-Artikolu 29
-	L-Artikolu 30
-	L-Artikolu 31
-	L-Artikolu 32
L-Artikolu 19	L-Artikolu 33
-	L-Artikolu 34
L-Artikolu 20	L-Artikolu 35
L-Anness I	L-Anness I(A)
L-Anness I(B)	L-Anness I(B)
L-Anness I(C)	L-Anness I(C)
L-Anness I(D)	L-Anness I(D)
L-Anness II	L-Anness II
-	L-Anness III
L-Anness III	L-Anness IV
-	L-Anness V
-	L-Anness VI
-	L-Anness VII
-	L-Anness VIII